**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 28**

It-Tlieta, 4 ta' Ottubru 2022

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli l-Onor. Roderick Galdes, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Byron Camilleri, il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol l-Onor. Clyde Caruana, u l-Ministru għall-Anzjanità Attiva l-Onor. Jo Etienne Abela kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Graziella Attard Previ, l-Onor. Alex Muscat u l-Onor. Davina Sammut Hili kienu msiefra fuq xogħol parlamentari.

L-Onor. Robert Arrigo u l-Onor. Eve Borg Bonello kienu skużati.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 27 li saret fit-3 ta' Ottubru 2022 kienu kkonfermati.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 597 Rapport tal-parteċipazzjoni tal-Onor. Glenn Bedingfield u l-Onor. Alex Borg fil-Konferenza Interparlamentari għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni li nżammet ġewwa Praga, ir-Repubblika Ċeka fl-4 u l-5 ta' Settembru 2022; u

P.L. 598 Ir-rapport tal-parteċipazzjoni tad-delegazzjoni Parlamentari għall-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa fit-Tielet Sessjoni tal-2022, magħmula mill-Onor. Naomi Cachia, l-Onor. Chris Bonett, l-Onor. Beppe Fenech Adami, l-Onor. Romilda Baldacchino Zarb, l-Onor. Cressida Galea u l-Onor. Chris Said li nżammet fi Strasburgu bejn l-20 u l-24 ta' Ġunju 2022.

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet in-numru 657 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

## TQEGĦID TA' KARTI

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 599 Avviż Legali Nru 242 tal-2022 — Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet għad-Depożitu ta' Kull Skart u Radam; u

P.L. 600 Korrezzjoni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 2094 dwar l-ammont ta' ilma mtella' mill-ilma tal-pjan mill-impjanti tal-konkos fil-perjodu bejn l-2011 u l-2021, li ngħatat fis seduta 27 tat-3 ta' Ottubru 2022;

f'isem il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 601 Lista li turi t-toroq fil-Mellieħa, in-Naxxar u San Pawl il-Baħar li fihom tqassmu postijiet residenzjali mill-Awtorità tad-Djar fis-snin bejn l-2017 u l-2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 2230;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 602 Tabella li turi n-numru ta' benefiċjarji mill-iskemi tal-Malta Development Bank maqsuma skont is-settur ekonomiku, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 1161; u

f'isem il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 603 Kuntratt għax-xiri ta' art fil-limiti ta' Birżebbuġa (Borġ in-Nadur) minn Heritage Malta datat 22 ta' Ġunju 2021, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 2360.

## PUNT IMQAJJEM MINN ONOR. MEMBRU TAL-KAMRA

L-Onor. Paula Mifsud Bonnici ġibdet l-attenzjoni tas-Sedja għat-tweġibiet li ngħatawla mill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, l-Onor. Michael Falzon, għall-mistoqsijiet parlamentari 2517 u 2518 dwar persuni li jieħdu xi forma ta' pensjoni fix-xahar.

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, l-Onor. Davina Sammut Hili kienet se tissostitwixxi lill-Onor. Cressida Galea fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Ottubru 2022.

**MOZZJONIJIET**

**69. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IT-TIĠDID TA' KIRI TA' RABA'**

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Anton Refalo, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att li jemenda l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba', Kap. 199" inqara l-ewwel darba.

**PERMESS TAL-KAMRA**

Bil-permess tal-Kamra, il-Kamra qablet li jitressqu tliet mozzjonijiet mingħajr avviż.

**MOZZJONIJIET**

**71. ABBOZZ TA' LIĠI SABIEX JEMENDA DIVERSI LIĠIJIET SABIEX ISAĦĦAĦ IL-PROTEZZJONI TAL-MIDJA U TAL-ĠURNALISTI**

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi sabiex jemenda diversi liġijiet sabiex isaħħaħ il-protezzjoni tal-midja u tal-ġurnalisti.

Il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur, l-Onor. Julia Farrugia Portelli, issekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda diversi liġijiet sabiex isaħħaħ il-protezzjoni tal-midja u tal-ġurnalisti" inqara l ewwel darba.

**70. ABBOZZ TA' LIĠI SABIEX JIPPROVDI GĦAT-TWAQQIF TA' KUMITAT GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' MIŻURI GĦALL-ĦARSIEN TA' ĠURNALISTI, PERSUNI OĦRA B'IRWOL FIL-MIDJA U PERSUNI FIL-ĦAJJA PUBBLIKA**

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi sabiex jipprovdi għat-twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika.

L-Onor. Ray Abela ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jipprovdi għat-twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika" inqara l-ewwel darba.

**72. ABBOZZ TA' LIĠI BIEX JEMENDA L-KOSTITUZZJONI TA' MALTA BIL-GĦAN LI JISSAĦĦAĦ ID-DRITT TAL-LIBERTÀ TAL-ESPRESSJONI, ID-DRITT TAL-PRIVATEZZA U L-LIBERTÀ TAL-MIDJA**

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi biex jemenda l-Kostituzzjoni taʾ Malta bil-għan li jissaħħaħ id-dritt tal-libertà tal-espressjoni, id-dritt tal-privatezza u l-libertà tal-midja.

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex jemenda l-Kostituzzjoni taʾ Malta bil-għan li jissaħħaħ id-dritt tal-libertà tal-espressjoni, id-dritt tal-privatezza u l-libertà tal-midja" inqara l-ewwel darba.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**FTEHIM TAL-KAMRA**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont ftehim milħuq, il-Kamra kellha tgħaddi għat-tielet item tal-aġenda taħt l-Ordnijiet tal-Ġurnata sabiex jitkellem l-Onor. Toni Bezzina u minnufih wara, fil-Kamra kellha tibda d-diskussjoni fuq l-ewwel item fuq l-aġenda.

**3. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ORDINANZA DWAR L-ESPLOŻIVI U L-LIĠIJIET VARJI DWAR IL-PROTEZZJONI ĊIVILI - ABBOZZ NRU 8 (KONT.)**

Il-Kamra rriżumiet mit-3 ta' Ottubru 2022 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi imsejjaħ "Att sabiex jemenda l-Ordinanza dwar l-Esplożivi, Kap. 33 u l-Liġijiet Varji relatati mal-Protezzjoni Ċivili".

Fid-diskussjoni ħa sehem l-Onor. Toni Bezzina għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Fil-4.49 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u skont ftehim milħuq, il-Kamra għaddiet għall-ewwel item li kien jidher fuq l-aġenda.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR U LIĠIJIET OĦRA DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR - ABBOZZ NRU 9**

Il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur, l-Onor. Julia Farrugia Portelli, ipproponiet it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u liġijiet varji dwar il-protezzjoni tal-konsumatur.

L-Onor. Romilda Baldacchino Zarb issekondat.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Julia Farrugia Portelli, l-Onor. Michael Farrugia, l-Onor. Edward Zammit Lewis, l-Onor. Romilda Baldacchino Zarb għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Rebekah Borg u l-Onor. Robert Cutajar għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 604 Statistika ppubblikata mill-eurostat f'Awwissu 2022 bl-isem "Inflation for bread in the EU"; u

P.L. 605 Estratt mill-*Pre-Budget Consultation Document 2023* ta' Malta (paġna 59).

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378 u liġijiet varji dwar il-protezzjoni tal-konsumatur" inqara t-tieni darba.

Il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur ipproponiet li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

L-Onor. Michael Farrugia ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**AĠĠORNAMENT**

Fis-7.00 p.m. il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur l-Onor Julia Farrugia Portelli, ipproponiet l-aġġornament tal-Kamra għall-Erbgħa, 5 ta' Ottubru 2022 fl-4.00 p.m., b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar l-Esplożivi u l-liġijiet varji dwar il-Protezzjoni Ċivili | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi tal-Kummerċ | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi ta' Qabel l-Insolvenza | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Prattikanti fl-Insolvenza | Tieni Qari |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala Membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali | Tieni Qari |

---

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Immigrazzjoni | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u liġijiet oħra dwar il-Protezzjoni tal-Konsumatur | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern mill-Onor. Miriam Dalli u mill-Onor. Michael Falzon.

Fis-7.28 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 5 ta' Ottubru 2022 fl-4.00 p.m. kif komunikat mill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**